# L-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

L-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà għandha rwol kruċjali fl-iżgurar ta' suq tal-proprjetà immobbli li hu rregolat tajjeb, trasparenti u ċċentrat fuq il-konsumatur. L-għan ewlieni tagħha hu li tirregola u tissorvelja l-intermedjarji tal-proprjetà immobbli sabiex jinħoloq ambjent ġust u kompetittiv li jrawwem il-fiduċja fost il-partijiet interessati kollha, jiġifieri x-xerrejja, il-bejjiegħa, l-investituri u l-professjonisti tal-proprjetà immobli.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://realestateregistration.gov.mt/mt/rizorsi/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-Uffiċċji tagħna joffru servizzi sikuri, nodfa, u aċċessibbli għal kulħadd.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 3 ijiem tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *https://realestateregistration.gov.mt/mt/contact/*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà, AX Business Centre, Ground Floor, Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa Xitwa: 08:00-16:30; Sajf: 08:00 – 13:00
  Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://realestateregistration.gov.mt/mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *enquiries.pma@pma.mt* - +356 2248 1500
- Permezz tal-midja soċjali: